



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2017/2160(DEC)**

25.1.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2016  
(2017/2160(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

PA\_NonLeg

PE612.234v02-00

2/6

AD\1144029MT.docx

**MT**

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-baġit finali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ("iċ-Ċentru") għas-sena finanzjarja 2016 kien ta' EUR 58 247 650, b'mod li baqa' bejn wieħed u ieħor fl-istess livell bħal fl-2015; jinnota li 97,4 % tal-baġit taċ-Ċentru ġej mill-baġit tal-Unjoni;
2. Jinnota li ċ-Ċentru għandu l-missjoni li jidtentifika, jevalwa u jikkomunika t-theddid attwali u emerġenti għas-saħħha tal-bniedem li jirriżulta mill-mard infettiv; jenfasizza li fl-2016, iċ-Ċentru wieġeb għal 41 talba formal mingħand il-Kummissjoni Ewropea, li 19 minnhom tressqu minn Membri tal-Parlament Ewropew; jinnota li ċ-Ċentru ppubblika total ta' 158 rapport (170 fl-2015), inklużi 38 Valutazzjoni tar-Riskju Rapidi biex jappoġġa lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni u 69 rapport ta' sorveljanza;
3. Jilqa' l-appoġġ taċ-Ċentru pprovdut matul t-tifqigħa għall-għarrieda tal-virus taż-Żika, filwaqt li jinnota li hemm lezzjonijiet x'wieħed jitgħallek mir-reazzjoni għat-tifqigħa, kif imsemmi fil-konklużjonijiet ta' sessjoni ta' ħidma rilevanti tal-UNESCO<sup>1</sup>, kif ukoll l-appoġġ ipprovdut matul it-tifqigħ fuq skala kbira tas-Salmonella f'bosta pajjiżi; jinnota li ċ-Ċentru tejjeb is-sistema tiegħu ta' sorveljanza tal-mard, b'mod partikolari billi espanda l-Atlas għas-Sorveljanza ta' Mard Infettiv online, u ppromwova l-aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar kwistjonijiet ta' saħħha pubblika, permezz ta' għodod differenti;
4. Jifraħ liċ-Ċentru talli rċieva l-Premju Ewropew għas-Saħħha 2016 għall-Jum Ewropew ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi, li għandu l-għan li jipprovdi pjattaforma sabiex tappoġġa kampanji nazzjonali dwar l-użu prudenti tal-antibijotiċi, u kien rikonoxxut bħala proġett notevoli għall-promozzjoni tas-saħħha fl-Ewropa;
5. Jenfasizza li fl-2016, il-politika l-ġdida dwar l-indipendenza taċ-Ċentru ġiet finalizzata u approvata mill-Bord tal-Amministrazzjoni;
6. Jinnota li għadd ta' attivitajiet inklużi fil-programm ta' ħidma taċ-Ċentru għall-2016 ma ġewx implementati minħabba restrizzjoni jiet ta' riżorsi;
7. Ifakk li d-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> tipprovd i-l-qafas biex jiġi indirizzat, ikkoordinat u mmaniġġat it-theddid serju transkonfinali fuq is-saħħha f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha, iċ-Ċentru u sħab internazzjonali oħra, u tistabbilixxi s-Sistema ta' Twissija Bikrija u ta'Reazzjoni (EWRS); jirrikonoxxi l-fatt li l-eserti taċ-Ċentru u l-EWRS, li ċ-

<sup>1</sup> <https://en.unesco.org/news/media-and-humanitarians-crisis-situations-lessons-learned-zika-outbreak>

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħha u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

Ċentru jopera f'isem il-Kummissjoni Ewropea, huma riżorsi importanti għar-reazzjoni għal theddid transkonfinali fuq is-saħħha fil-livell tal-Unjoni; jilqa' l-passi ulterjuri li ttieħdu miċ-Ċentru fl-2016 għall-implementazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni;

8. Ifakk li, bħala aġenċija tal-Unjoni, id-denominazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru hija f'euro; madankollu, peress li s-sede tiegħu tinsab barra miż-żona tal-Euro (fl-Iżvejza), ħafna mill-ispejjeż tiegħu jsiru bil-krona Żvediża (SEK); barra minn hekk, iċ-Ċentru huwa espost għal flutwazzjonijiet fir-rata tal-kambju peress li, mhux talli l-kontijiet bankarji tiegħu huma fi krona Żvediża, iżda jwettaq ukoll ċerti tranżazzjonijiet f'muniti barranin oħra;
9. Jilqa' l-fatt li l-maġġoranza tal-impjieg (74,4 %) taċ-Ċentru huma marbutin ma' xogħol operattiv;
10. Jieħu nota tal-pjanijiet ta' azzjoni mħejjija miċ-Ċentru sabiex jitjiebu l-proċeduri ta' akkwist u l-użu ta' għotjiet, wara l-awditi mis-Servizzi tal-Auditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Audituri (il-"Qorti") rispettivament;
11. Jilqa' l-fatt li l-Qorti ħabbret li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2016 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha;
12. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fir-rigward tal-implementazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2016.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 39 6 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Ivo Belet, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Seb Dance, Stefan Eck, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Arne Gericke, Julie Girling, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, Anneli Jäätsenmäki, Karin Kadenbach, Urszula Krupa, Giovanni La Via, Peter Liese, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Bolesław G. Piecha, John Procter, Julia Reid, Frédérique Ries, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănasescu, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean, Jadwiga Wiśniewska, Damiano Zoffoli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Gentile, Martin Häusling, Norbert Lins, Nuno Melo, Ulrike Müller, Christel Schaldemose, Bart Staes, Keith Taylor, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jiří Maštálka

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>39</b>	<b>+</b>
ALDE	Gerbén-Jan Gerbrandy, Anneli Jäätteenmäki, Ulrike Müller, Frédérique Ries
EFDD	Piernicola Pedicini
GUE/NGL	Stefan Eck, Jiří Maštálka
PPE	Ivo Belet, Birgit Collin-Langen, José Inácio Faria, Francesc Gambús, Elisabetta Gardini, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Nuno Melo, Ivica Tolić, Adina-Ioana Vălean
S&D	Simona Bonafè, Biljana Borzan, Paul Brannen, Nessa Childers, Seb Dance, Elena Gentile, Jytte Guteland, Karin Kadenbach, Susanne Melior, Gilles Pargneaux, Christel Schaldemose, Daciana Octavia Sârbu, Claudiu Ciprian Tănasescu, Damiano Zoffoli, Carlos Zorrinho
VERTS/ALE	Marco Affronte, Martin Häusling, Bart Staes, Keith Taylor

<b>6</b>	<b>-</b>
ECR	Arne Gericke, Urszula Krupa, Bolesław G. Piecha, John Procter, Jadwiga Wiśniewska
EFDD	Julia Reid

<b>1</b>	<b>0</b>
ECR	Julie Girling

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni